IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru2 (tnejn) tad-disa' (9) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 29 ta' Lulju, 2024, fil-5pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Michael Mifsud |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg |
| | Raymond Duncan |
| | Antonia Buttigieg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sinjura Antonia Buttiġieġ ippresediet l-laqgħa.

**2.1. Item Nru 2.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

1.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-5.10pm minħabba li kien hemm kworum. Is-Sur Michael Mifsud avża li ser jittardja.

**2.2 Item Nru. 2.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

2.2.1 Il-Minuti ittieħdu bħala moqrija u approvati unanimament.

**2.3 Item Nru. 2.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mis-Sindku**

2.3.1 Is-Sindku qal li issa uffiċjalment, l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill huwa devolut. Dan wara li ilna nitħabtu mal-Lands Department sabiex ikollna t-titlu definittiv. Il-konferma waslet propju tlett ġimgħat ilu meta irċevejna mil-lands li ser isir il-kuntratt u ser jiġi ffirmat

il-Kunsill stess fil-preżenza tal-Ministru Stefan Zrinzo u s-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli. Il Kuntratt ġie iffirmat nhar il-25 ta' Lulju, 2024.

Is-Sur Attard kompla u qal li wara l-laqgħa tal-lum ser jibgħat lill-Ministru Stefan Zrinzo sabiex tittieħed azzjoni dwar il-gate tal-Fortizza għaliex huwa perikoluz immens. Il-Ministru rah ukoll b'għajnejn nhar il-25 ta' Lulju u qal li lest li jgħina fil-preżenza wkoll tas-CEO tal-Lands is-Sur Robert Vella u qabel ma' dan.

2.3.2 Is-Sur Attard qal li din is-sena għamilna għall-ewwel darba il-festa ta' San Ġakbu. L-attivita ittellat b'kollaborazzjoni mal-Knisja tax-Xgħajra fejn ipparteċipaw ħafna nies għaliha u kulħadd ħa pjaċir bi spettaklu mil-isbaħ.

Il-parti li nefaq il-Kunsill huwa €1,500.

2.3.3 Is-Sindku qal li tfaċċaw tabelli ġodda ta' no entry exept for residents pero ma sarux mil-Kunsill. Dawn saru mil-Kuntrattur ta' IM minħabba li ħa jsir xogħol ta' tarmac pero mhux għalissa. Għalhekk għada tajjeb li ngħattuhom.

2.3.4 Is-Sindku qal li saret laqgħa mal-WSC dwar l-impjant f' ta' Barkat fejn għaliha attendew ukoll ir-residenti. Punt imqajjem waqt il-laqgħa kien il-baħar u in-nies riedu jkunu ċerti li mhux jintrema drenaġġ mal-kosta.

Il-Kunsill qabel li nibgħatu lil ERA sabiex naraw jekk jistgħux jagħmlu żewġ testijiet fil-ġimgħa minflok wieħed minħabba din ir-raġuni.

2.3.5 Is-Sindku qal li bħalissa hemm call tal-GAL Xlokk miftuħa sabiex napplikaw fuq Green Infrastructure. Għaliha il-Kunsill qabel unanimament li napplikaw sabiex inħaddru u insebbħu il-Belveder kif ukoll jinxtraw siġar fil-pots għal max-Xatt. Għalhekk issa imiss li inlestu l-applikazzjoni bid-dokumenti kollha relatati u nissottomettuha sa nhar it-8 t' Awwissu.

2.3.6 Is-Sindku qal li dwar l-iskema ta' attivitajiet id-Divizjoni approvawlna €7,318 għal tas-Sajf u €4,151 għal tal-Milied. Il-Kunsill qabel unanimament li jaqqad iż-żewġ ammonti għal attivita tas-Sajf biss minħabba li għal tal-Milied inkunu nistgħu napplikaw ukoll mar-Reġjun.

Għal attivita tas-Sajf li ser issir nhar id-9 t' Awwis, Xtajta Tlellex ser ikollna mistiedna diversi kantanti u żeffiena ta' talent rinomati f' Malta. Għal din l-attivita ser ikollna allokati €11,400.

Din is-sena mhux ser ikollna l-Ġostra minħabba li għoliet fil-prezz għaliex mhux isibu iktar parteċipanti.

2.3.7 Is-Sindku tkellem fuq l-art ta' fejn il-grawnd tal-futbol fejn il-Kunsill preċedenti beda diskussjonijiet biex nerġgħu nieħdu d-devoluzzjoni ta' din l-art. Is-Sindku qal li bgħat lil President tax-Xgħajra Tornados li hemm ħafna ħmieġ u hemm it-telqa. Għalhekk kompla u qal li għandna inkomplu it-talba sabiex l-art terġa tiġi f'idejn il-Kunsill. In-nursery l-ġdida li tinsab ukoll fuq din il-biċċa art għandha kont pendenti ta' madwar €2,000 li qiegħed f'isem il-Kunsill bħala s-sid imma li jintuża mix-Xgħajra Tornados. Il-Kunsill irrifjuta li jitħallas dan il-kont mil-fondi tal-Kunsill.

2.3.8 Is-Sindku qal li kellna attivita ta' Diving minn Diver illiċenzjat kif suppost bl-insurance ukoll fejn kienet ta' suċċess. Hu ippropona biex inkomplu naħdmu fuq dan il-kamp billi nagħmlu attivita oħra għal Awwissu jew Settembru u nħeġġu aktar tfal jipparteċipaw. Il-Kunsill kull ma joħroġ huma l-kiri tal-equipment, madwar €120.

Il-quddiem kif ikollna iktar domanda inkunu nistgħu nibdew norganizzaw ukoll korsijiet.

**2.4 Item Nru 2.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

2.4.1 Is-Sur Michael Mifsud staqsa jekk għandnix Contracts Manager fil-Kunsill. Is-Sindku qallu li le qatt ma sar minħabba finanzi. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel fuq proposta tal-Viċi Sindku u ssekondat mis-Sindku li tajjeb nibdew il- proċess biex nikru s-servizz ta' Contracts Manager li jista jiswa sa €5,000 fis-sena.

2.4.2 Is-Sa. Doris Borg staqsiet dwar il-Community Policing jekk għadhom ix-Xgħajra għaliex ilha ma tinzerthom. U li jekk iva tixtieq issir laqgħa magħhom fejn ikun mistieden il-Kunsill kollu. Dan għaliex speċjalment bħalissa fis-Sajf hemm bżonn ta' aktar preżenza max-Xatt.

Is-Sindku qallha li iva għadhom u hu jinsab f'kuntatt magħhom kważi kuljum. Dwar il-laqgħa qallha li ser ikellimhom u niffissaw data.

2.4.3 Is-Sur Mifsud staqsa dwar is-slipway ta' taħt Triq l-Ispnott u għaliex ingħalqet. Dan għaliex hemm min iniżżel dinghies. Is-Sindku qal li hemm problema kbira u li għalissa s-soluzzjoni kienet dik. Ser naħsbu kif ser insolvuha possibilment b'permezz ta' camera li tikkontrolla l-ħin tal-parkeġġ. Ikun konsentit biss biex wieħed iħott/ jgħabbi għal ftit ħin.

Din eventwalment tkun imqabbda wkoll mal-LESA fejn jimmoniterjawa huma.

2.4.4 Is-Sa Borg staqsiet meta tista terġa tkompli bil-klassijiet tal-privat. Is-Sindku qal li għalissa mhux rakkomandat minħabba li nixtiequ li jkollna kollox ikkonfermat minn avukat.

Is-Sur Mifsud staqsa jekk għandnix Avukat tal-Kunsill u s-Sindku qallu li iva Dr. Martin Fenech pero ser inkellmu Avukat ieħor sabiex ikollna opinjoni oħra wkoll dwar dan il-każ.

2.4.5 Is-Sur Raymond Duncan staqsa dwar il-pannelli fotovoltijaci li għandna fuq il-binja tal-Kunsill jekk hux jiġġeneraw dawl biżżejjed. Is-Sindku qal li ftit li xejn għaliex tariffa baxxa ħafna. Is-Sur Duncan kompla u qal imma hemm xi ħaġa ħażina fihom u għalhekk ser naraw kif naħtru electrician jew engineer sabiex jara kif nistgħu nibbenefikaw iktar.

2.4.6 Is-Sur Duncan staqsa jekk jistax isir railing fil-bajja li jgħidulha tas-sorijiet sabiex ikunu jistgħu jinżlu miegħu in-nies. Is-Sindku qal li dan ser isir bil-ħaddiema tagħna.

2.4.7 Is-Sa. Antonia Buttiġieġ staqsiet x'sar minnha l-bandla tal-persuni b'diżabilta (bandla tat-toddlers , tat-teddy bear)  Is-Sindku qal li dik kienet parti mil-bandli l-antik u fit-tender tal-bandli l-ġdid li sar is-sena l-oħra ma kienx hemm waħda minnhom. Għalhekk issa naraw fejn tista issir xi ħaġa bħala jew simili f'post iehor.

2.4.8 Is-Sa. Antonia Buttiġieġ staqsiet meta ser tiftaħ il-Berġa u s-Sindku qallha li l-Berġa hija fil-pjanijiet ta' dan il-Kunsill. Kull ma ilna lanqas xahar u ser nibdew nitkellmu mal-Health sabiex din il-Berġa terġa tibda tinfetaħ.

2.4.9 Is-Sa Buttiġieġ staqsiet fejn nistgħu nagħmlu Ċentru ta' matul il-Jum għal Anzjani. Is-Sindku qallha li dan il-Kunsill irid jaħdem biex jindividwa post adattat u nibdew inlaqqgħu l-anzjani fih.

2.4.10 Is-Sur Mifsud staqsa dwar l-iskema tal-Cat Feeders. Is-Sindku qallu li għad ma għandnix lista tal-Cat feeders fix-Xgħajra. Is-Sur Mifsud ippropona sabiex intellgħu fuq il-Page ta' Facebook talba sabiex jinkitbu u sadanittant nitolbu estenzjoni mil-Animal Welfare sabiex inkunu nistgħu nissottomettu din il-lista. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

**2.5 Item Nru. 2.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

2.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

**2.6 Item Nru. 2.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

2.6.1 Bħala xogħol ieħor is-Sindku qara d-Dekasteri tal-Kunsilliera fejn jinsabu mehmuża wkoll ma dawn il-Minuti.

**2.7 Item Nru. 2.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

2.7.1 Pagamenti b'numru 1 ġew approvati unanimament.

**2.8 Item Nru. 2.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

2.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**2.9 Item Nru. 2.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

2.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.05pm. Aġġornament għal nhar it-Tnejn 26 ta' Awwissu.

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Neil Attard
Sindku